A.L. 87 ta' l-1993

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1993 dwar id-Drittijiet ta' l-Iskola Internazzjonali ta' l-Ingliż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar id-Drittijiet ta' l-Iskola Internazzjonali ta' l-Ingliż, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

Drittijiet li jitħallsu fl-Iskola Internazzjonali ta' l-Ingliż.

2. Id-drittijiet li jitħallsu minn ċittadini barranin li jkunu qegħdin isegwu kors fl-Iskola Internazzjonali ta' l-Ingliż għandhom ikunu dawk id-drittijiet li jidhru fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Jemenda l-A.L. 81 ta' l-1975.

3. L-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-1975 dwar id-Drittijiet Għal Tagħlim għandha tiġi emendata bit-tħassir tal-partita 3 taħt l-intestatura "Tagħlim 'part-time' barra minn ta' fil-għaxija".

SKEDA

(Regolament 2)

Kors standard	(itul tliet ġimgħat)	Lm60.00
Kors qasir	(itul ġimgħatejn)	Lm50.00.